MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 1398/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**DUNCAN BUTTIGIEG**
**(ID Nru. 244783M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1398/2011

Illum, 2 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Duncan Buttigieg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 244783M.

**Akkuzat talli:**

F’Mejju, 2010, u fix-xhur ta` wara f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dang had-detriment ta` Guido Agius minn Hal Ghaxaq;
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-detriment ta` Guido Agius minn Hal Ghaxaq;

3. Kif ukoll, Duncan Buttigieg, sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti ta` Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li l-Qorti rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 52, 93, 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti semghet ix-xhieda tal-pulizija, tal-kwerelant Guido Agius, tad-diversi rapprezentanti tal-kumpanniji tal-*mobiles* u diversi xhieda ohra tal-Prosekuzzjoni illi kellhom x’jaqsmu jew kellhom xi relazzjonijiet kummercjali mall-imputat.

Illi minn dawn il-provi jirrizultaw l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u ghalhekk issibu hati. Din il-Qorti tinnota li sa Mejju tal-2013 l-imputat inghata l-opportunita’ li jgib il-provi tieghu izda naqas milli jaghmel dan, u huwa m’attendiex ghal diversi seduti nonostante debitament notifikat. Filfatt l-imputat kellu jingieb quddiem din il-Qorti permezz ta’ mandat t’arrest.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat il-fedina penali vasta tal-imputat, temmen li piena karcerarja esekuttiva hija regola f’dan il-kaz. Ghaldaqstant, filwaqt li ssibu hati tikkundannah ghal tletin (30) xhar prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li huwa dam taht arrest preventiv.
Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------